MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Numru 128/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**GAETANO GALEA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Gaetano Galea ta' 55 sena, bin (L) Vincent u Lucia nee' Aquilina, mwieled Hamrun f' 15.12.1951, Res, 45 Liberty, Triq Regjonali, Santa Venera, Detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 920851(m) gie akkuzat:

Talli nhar it-28 ta' Dicembru 2006, ghall-habta tas-20.00 Hrs gewwa l-fond b'numru 45 Liberty Triq Regjonali Santa Venera,

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Filomena Galea ID 110952(M) u cioe' offiza ta' natura gravi fil-wicc, fil-ghonq u f'partijiet ohra tal-gisem li gew maghmula b'likwidu li jahraq skond kif iccertifika Dr. Jonathan Joslin MD mill-Isptar San Luqa u dan bi ksur ta' Artikoli 214, 216 u 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Filomena Galea ID 110952(M) sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmlilha hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Filomena Galea u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li m'ghandux htiega li jkun assistit minn avukat, li l-Qorti spjegat lill-imputat dwar id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat u li l-imputat ikkonferma li m'ghandux htiega li jkun assistit minn avukat.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol. 9 tal-Process (Dok. NG4) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li jiddispjacih tal-akkadut, skuza ruhu ma’ martu l-parte civile presenti fl-Awla u iddikjara wkoll li mhux sejjer jerga’ jaggredixxi lil martu.  Inoltre l-istess imputat iddikjara li huwa sejjer jaghmel l-isforz kollu biex jehles mill-vizzju tax-xorb u ghal dan il-ghan ser ifittex ghajnuna professjonali.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Filomena Galea iddikjarat li qeghda taccetta l-fatt li l-imputat, zewgha, skuza ruhu maghha u iddikjara li jiddispjacih tal-akkadut.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 214, 216, 217, 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Gaetano Galea, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali tal-imputat, li l-imputat iddikjara li jiddispjacih tal-akkadut, li l-imputat skuza ruhu ma’ martu l-parte civile presenti fl-Awla u iddikjara wkoll li mhux sejjer jerga’ jaggredixxi lil martu, li l-istess imputat iddikjara li huwa sejjer jaghmel l-isforz kollu biex jehles mill-vizzju tax-xorb u ghal dan il-ghan ser ifittex ghajnuna professjonali, li l-parte civile Filomena Galea iddikjarat li qeghda taccetta l-fatt li l-imputat, zewgha, skuza ruhu maghha u iddikjara li jiddispjacih tal-akkadut u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Gaetano Galea ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda

ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Gaetano Galea jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Gaetano Galea b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li jzomm il-kwiet ma’ Filomena Galea ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Gaetano Galea l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------